Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 35 / 2018

Il-Pulizija

Vs

Gordon Schembri

Illum 16 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Gordon Schembri detenur tal-karta tal-identita Maltija 207386M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' Lulju, 2017, ghal habta ta' 16.45hrs gewwa Triq is-Salina, Naxxar

1. Saq vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni DCF 315 b' manjiera perikoluza, bla kont u traskurata.

2. Saq l-imsemmija vettura u naqas li jzomm man-naha tax-xellug ta' triq jew naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni.

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.

4. B′ nuqqas ta′ hsieb jew bi traskuragni jew b′ nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b′ nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel hsara jew gharraq xi haga ghad-dannu ta′ Anthea Abela.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f′ kaz ta′ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x′ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jew ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali ta′ nhar l-24 ta′ Jannar, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontrih.

Rat l-Art. 1512)(a)(2) tal-Kap 65, Art 75 L.S 65.11, Art 338 (dd) tal-Kap 9 u Art 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena bil-patt li fi zmien xahar l-imputat ihallas 500 Ewro f′ danni lil Anthea Abela.

Filwaqt li ssopendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien b′ effett min-nofs il-lejl.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Gordon Schembri, prezentat fir-registru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta′ Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr preguzzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f′ kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Gordon Schembri li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok, ser jigi rilevat bir-rispett li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet bir-rispett skorretta meta naqset li tipprovdi ghad-difiza xierqa ta' l-appellant skond il-ligi. Jirrizulta mill-atti li l-Ewwel Onorabbli Qorti infatti, bir-rispett ma tatux l-opportunita` li jkun assistit minn konsulent legali, u minflok ordnat il-prosegwiment tal-kaz nonostante li l-esponenti ma kellux assistenza legali. Dan fl-umili fehma tal-esponenti jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali u fl-umili fehma tal-esponenti jimmilita favur li d-decizzjoni tal-Ewwel Qorti tigi revokata.

Fit-tieni lok, l-esponenti umilment jissottometti bir-rispett illi strettament minghajr pregudizzju dwar l-ewwel aggravju, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti bit-terminu ta' tlett xhur.

Fit-tielet lok, l-esponenti sejjer juri kif bir-rispett in ogni caso ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti. Dan qed jinghad mhux biss minhabba fid-dinamika tal-incident izda wkoll minhabba li ma gewx pruvati l-elementi materjali kollha tar-reati in kwistjoni.

Fl-ahhar lok, strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi l-piena in kwistjoni hija wahda eccessiva u kellha tkun wahda iktar miti. B' mod partikolari wkoll l-ordni ghall-hlas ta' Euro 500 danni lil Anthea Abela hija bir-rispett ingusta minhabba diversi ragunijiet li ser jigu elenkati iktar il-quddiem.

1. L-esponenti ma kellux assistenza legali waqt is-smigh tal-proceduri

Illi l-esponenti jibda billi umilment jissottometti illi nhar l-24 ta' Jannar 2018 waqt is-smigh tal-kawza huwa fl-ebda hin ma kien assistit mill-avukat di fiducja u lanqas minn avukat imqabbad mill-istat. Dan jista' jigi konfermat minn kull min kien prezenti waqt is-smigh tal-kawza, inkluz, izda mhux limitatament l-avukat tal-parte civile stess Dr. Daniel Buttigieg.

Illi din id-dikjarazzjoni qed issir anke ghaliex jekk wiehed jara l-verbal tal-24 ta' Jannar 2018, jidher li hemm kontradizzjoni fl-istess verbal stante li l-ewwel hemm imnizzel li:

*"Deher l-imputat assistit minn Dr. Kathleen Grima",*

u wara din, fl-istess verbal hemm imnizzel ukoll:

*"Il-kawza giet mghajta u posposta diversi drabi biex tigi l-avukata imma ma gietx, l-imputat stqarr li sar jaf bil-kawza il-bierah tlura".*

Illi filwaqt illi dawn iz-zewgt dikjarazzjonijiet minnhom stess ghandhom jikkonfermaw li l-avukata indikata ma dehritx ghas-smigh tal-kawza (ghax kieku mhux ser tigi mghajta u posposta diversi drabi l-kawza) u kwindi l-esponenti baqa' mhux assistit, l-esponenti qieghed umilment jitlob illi l-istess avukat indikata fil-verbal, kif ukoll jekk ikun il-kaz l-avukat tal-parte civile, tkun tista' tiddikjara hi stess li fl-ebda hin tal-proceduri ma deheret. Infatti l-istess avukat mhux biss fl-ebda hin ma deheret ghas-smigh tal-kawza, talli f' dik il-gurnata lanqas biss ma dahlet taghmel xoghol fil-bini tal-Qorti minhabba impenji personali.

Illi di più, apparti n-nuqqas ta' assisitenza legali, minn dan l-istess verbal ghandu jirrizulta wkoll li:

a) l-esponenti talab li jkun assistit minn avukat tant li gie indikat lil Qorti isem l-avukat tieghu; u

b) fl-ebda hin l-imputat ma rrinunzja ghad-dritt tal-assistenza legali.

Fid-dawl tal-premess, jigi rilevat bir-rispett, li l-Qorti kellha l-obbligu li tipprovdi ghad-difiza gusta tal-imputat.

Dan l-obbligu jemergi mill-Art. 519 tal-Kodici Kriminali li jistipola li: "Hu dmir tal-qrati ta' ġustizzja kriminali li jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati".

In oltre referenza issir wkoll ghall-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, li rrenda ezegwibbli bhala parti mill-ligi ta' Malta l-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, fejn l-artikolu 6(1) jipprovdi ghal smiegh zieraq u imparzjali u l-artikolu 6(3)(c) jipprovdi b' mod specifiku li kull min ikun rinfaccjat b' akkuza kriminali, huwa ntitolat, inter alia *"li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assitenza legali maghzula minnu stess .....".*

Illi dan in-nuqqas ikompli jiggrava meta wiehed iqis ukoll l-izviluppi li saru fil-gurisprudenza u anke fl-emendi legali rigward id-dritt tal-assistenza legali meta persuna tkun semplicement suspettata. *Multo magis* allura f' kaz fejn il-persuna tkun

qed tirrinfacca proceduri kriminali b' riskju ta' sentenza ta' prigunerija effettiva, il-Qorti kellha tara li l-esponenti jkun assistit minn avukat sakemm l-istess imputat ma jiddikjarax esplicitament li kien qed jirrinunzja ghall-assistenza legali.

L-esponenti jifhem illi fis-seduta precedenti l-esponenti ma kienx deher ghas-smigh tal-kawza[1], izda, bir-rispett, (apparti l-fatt li ma kienx hemm dewmien esagerat f' dawn il-proceduri ghaliex kien hemm biss differiment wiehed u l-incident ma kienx ilu li sehh) dan ma jxejjinx id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn avukat waqt il-kawza, u l-obbligu tal-Qorti li tipprovdi ghad-difiza gusta tal-imputat.

Jekk il-Qorti riedet illi jinstemghu l-provi kollha dakinhar, il-Qorti, fid-dawl tal-obbligu li kellha ai termini tal-artikoli supra citati, kellha almenu jew tipposponi ghal ftit hin il-kawza u taghti zmien lill-imputat sabiex dakinhar stess isib avukat jew inkella tinnomina hi stess avukat anke di officio.

Din is-sitwazzjoni fil-konfront tal-esponenti tkompli tikkomplika u taggrava ruhha specjalment fid-dawl tal-fatt li una volta l-esponenti ma kienx gie notifikat bid-data tad-differiment minn qabel (ghaliex kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu), liema mandat generalment jigi ezegwit biss lejliet is-seduta, huwa lanqas ma kellu ic-cans illi jinforma bil-kawza lill-avukat tieghu. Kwindi l-esponenti lanqas ma seta' jigi kkastigat ghas-semplici raguni li ma kellux l-avukat tieghu hemm, meta tenut kont is-sekwenza tal-fatti huwa semplicement ma' kellux l-opportunità li jinforma lill-avukat tieghu minn qabel bid-data tal-kawza. L-esponenti infatti jiddikjara ukoll li propju minhabba Ii kien hemm mandat ta' arrest, kuntrarjament ghal dak li hemm imnizzel fil-verbal, huwa kien gie notifikat bis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018, fit-23 ta' Jannar 2018 filghaxija stess.

Illi in sostenn tal-argumentazzjoni supra, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Bernard Grech, deciza nhar it-23 ta' Settembru 1998 mill-Qorti tal-Appell, per Imhallef Dr. V De Gaeatano fejn inghad li:

*"Meta imputat implicitament jitlob ghal assistenza legali il-Qorti ghandha dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta taghha kif jitlob l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali. Dan jista` jsir billi tipposponi (mhux tiddiferixxi) ghal ftit hin il-kawza sakemm l-imputat jinkariga avukat iehor*

[1] L-esponenti spjega lil Onorabbli Qorti fl-awla illi huwa kien imsiefer izda li ma ghamel l-ebda rikors sabiex jigi ezentat milli jidher ghas-smigh tal-kawza nhar id-19 ta' Novembru 2017.

*jew, f' kaz li ma jirnexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Jekk dan ma jsirx allura jkun hemm nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament tas-sentenza."*[2]

Fl-ahhar lok, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet il-Pulizija vs Brian Fenech, deciza nhar it-30 ta' Gunju 2004 u jaghmel tieghu s-segwenti bran:

*"Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mall-Ewwel Qorti li ovvjament kienet taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u riedet twettaq il-programm ta' xoghol taghha f' dik is-seduta w tapprezza ukoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati , xhieda jew avukati . Pero' , fid-dawl talgurisprudenza fuq citata, ladarba kien jidher evidenti li l-appellant odjern kien qed jinsisti ghall-avukat tieghu, l-Ewwel Qorti suppost li jew ipposponiet ghal ftit tal-hin jew appuntat lill-appellant difensur iehor hi stess . Peress li dan ma sarx, din il-Qorti m' ghandhiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata."*

Konsegwentament, minhabba dan in-nuqqas, jigi umilment sottomess illi d-decizzjoni tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Dicembru 2017, mertu ta' dan l-appella ghandha tigi imhassra stante li pendenti l-istess proceduri l-esponenti kien imcahhad mid-dritt tieghu li jkollu assistenza legali.

2. Preskrizzjoni tat-tieni u t-tielet imputazzjoni

Illi it-tieni imputazzjoni titratta r-reat fl-artikolu 75 tal-L.S. 65.11. Dan ir-reat huwa ta' natura kontravvenzjonali li bl-applikazzjoni tal-artikolu 55(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta huwa soggett ghal piena kif stabbilita għal kontravvenzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali, liema piena ma għandha tkun f' ebda każ anqas minn ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65). Konsegwentament, u fid-dawl tal-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali ghal tali kontavvenzjoni tigi preskritta bit-terminu ta' tlett xhur.

Illi l-istess jista' jinghad ghat-tielet imputazzjoni li titratta r-reat indikat taht l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali. Minhabba li din hija kontravvenzjoni hija wkoll tigi preskritta bi trapass ta' tlett xhur mid-data tal-incident.

[2] Vide wkoll **il-Pulizija vs Victor Muscat**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Lulju 2005 per Imhallef Dr. D Scicluna.

Konsegwentament, fid-dawl tal-fatt li l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh fit-8 ta' Lulju 2017 izda l-esponenti gie notifikat fit-3 ta' Novembru 2017, l-azzjoni kriminali ghal dawn iz-zewgt imputazzjonijiet kellha tigi dikjarata bhala preskritta.

3. Ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti.

Illi l-provi li jidher li tressqu mill-prosekuzzjoni f' dan il-kaz kienu l-affidavit ta' PS 902 Karol Spiteri, u t-testimonjanza ta' Anthea Abela li tat il-verzjoni taghha u li jidher li esebiet DOK AA1.

Illi ghar-rigward tal-affidavit jinghad bid-dovut rispett li dan l-ufficjal wasal fuq il-post wara li sehh l-incident u allura zgur ma setax jghid kif gara l-incident. Infatti l-istess PS 902 ma jghid xejn dwar id-dinamika tal-incident u l-affidavit jikkonsisti biss fir-rapurtagg tal-verzjonijiet tal-partijiet – verzjonijiet li ma jammontaw ghal xejn ghajr detto del detto.

Li hu importanti li jinghad dwar dan l-affidavit huwa li l-istess PS 902 nonostante li mar fuq il-post ma ghamel l-ebda sketch ta' kif u fejn kienu il-vetturi fuq il-post. Iktar minn hekk, lanqas ma jsemmi xejn dwar l-allegati hsarat li seta' kellhom il-vetturi. Dan il-fattur huwa importanti meta wiehed jqis li ma gew prezentati l-ebda ritratti tal-allegati hsarat fuq il-vettura, u lanqas surveyor's report ta' xi assigurazzjoni u wisq anqas rapport tal-wardens. Dawn in-nuqqasijiet fl-umili fehma tal-esponenti jitfghu hafna dubji u punit interrogattivi fuq id-dinamika tal-incident.

Fl-ahhar lok, punt interrogattiv dwar l-affidavit in kwistjoni huwa dwar jekk l-affidavit giex regolarment konfermat bil-gurament jew le, stante li jidher li kien PS 1370 Antoine Micallef li allegatament amministra l-gurament lil PS 902 Karol Spiteri.

It-tieni prova li tressqet mill-prosekuzzjoni hija x-xhud Anthea Abela li xedehet quddiem l-Ewwel Qorti u prezentat DOK AA1. Illi fir-rigward tad-dokument esebit, l-esponenti umilment jissottometti illi dan ma giex konfermat bil-gurament minn min hareg tali invoice/cash sale, u kwindi tali dokument ghandu jigi dikjarat inammissibli. Fi proceduri krimnali, kull dokument irid jigi kkonfermat bil-gurament mill-awtur stess ta' dak id-dokument. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex il-provi kollha fi proceduri penali ghandhom necessarjament jigu konfermati bil-gurament sine qua non, izda wkoll fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana fosthom il-kawza ir-

Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri, deciza mill-Qorti Kriminali (Eccez Preliminari) nhar il-31 ta' Mejju 2007. Dan kollu qed jingieb il-quddiem, apparti wkoll il-fatt li jidher li dina mhijiex ircevuta fiskali skond kif trid il-ligi stante li hija nieqsa mill-karatteristici kollha rikjesti skond ir-regolamenti relattivi.

Rigward imbaghad ir-raba' imputazzjoni dwar il-hsara lil xi haga ghad-dannu ta' Anthea Abela, l-esponenti umilment jissottometti illi ma tressqitx il-prova dwar il-vettura KBR735 lil min tappartjeni. Mhuwiex bizzejjed li jigi stabbilit li tali vettura kienet qed tinstaq minn Anthea Abela, izda riedet titressaq il-prova dwar min hu s-sid. Dan minhabba li l-imputazzjoni hija prosegwibbli bi kwerela tal-parti. Fin-nuqqas ta' tali prova, tenut kont tal-mod kif inhi redatta r-raba' imputazzjoni, l-istess imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Fl-ahhar lok, u b' referenza sia ghall-ewwel kif ukoll ghar-raba' imputazzjoni, l-esponenti, bir-rispett, ma jistax jifhem kif nonostante li kienet Anthea Abela li habtet gol-vettura li kien hemm quddiemha stess, waqt li l-vettura l-ohra kienet digà quddiemha u mhux qed tbiddel il-karregjata[3], qrib *round about*, fejn dak li jkun huwa obbligat li jnaqqas il-velocità, bi ksur tal-principju bazilari fis-sewqan tal-proper lookout, huwa l-esponenti li minflok jinstab hati. L-esponenti infatti jsibha difficli bir-rispett biex jaccetta l-fatt li nonostante li Anthea Abela tghid li hija kienet qed issuq bil-mod, hija xorta wahda ma waqfitx meta l-vettura ta' quddiemha misjuqa mill-esponenti waqfet, bil-konsegwenza li dahlet fil-vettura li kien hemm qabilha. Dawn fl-umili fehma tal-esponenti huma digà bizzejjed biex joholqu dubju serju dwar ir-responsabilità o meno tal-epsonenti, liema dubju ghandu necessarjament imur favur l-imputat, liema dubju, bir-rispett, proceduralment ghandu jmur favur l-imputat bi dritt.

L-esponenti infatti jistaqsi wkoll:

- X' kienet ir-raguni li Anthea Abela ddecidiet li tressaq kwerela u titlob li jittiehdu passi kriminali kontra l-esponenti meta iz-zewgt vetturi kienu regolarment

[3] Dan jista' jigi konfermat ukoll mill-hsarat fuq il-vetturi fejn il-hsarat tal-vettura li kienet qed tinstaq mill-parte civile kienu fuq il-parti frontali biss.

assikurati u kwindi din il-kwistjoni setghet facilment tigi rizolta bejn l-kumpaniji tal-assikurazzjoni rispettivi?

- Jista' jkun li l-fatt li l-assikurazzjoni kienet ser tiddeciedi kontra taghha kien fattur li wassal ghal dawn il-proceduri?

Illi riferibilment ghat-tieni imputazzjoni[4] l-esponenti umilment jissottometti illi se mai kienet il-parte civile stess li ammettiet li hija naqset li zzomm man-naha tax-xellug tat-triq u mhux l-esponenti. Apparti minn hekk, imkien ma jirrizulta li harget xi prova zghira kemm hi zghira Ii l-esponenti f' xi hin naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni. L-istess ghandu jinghad ukoll ghat-tielet imputazzjoni rigward il-ksur ta' bon ordni u paci pubblika fejn din ma tirrizulta minn imkien mill-verzjoni ta' Anthea Abela.

4. Aggravju dwar piena

Illi sabiex jigi evitat kwalsiasi malintiz l-esponenti umilment jissottometti bir-rispett illi dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha supra indikati. Infatti dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem biss subordinatament, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma htija.

Illi maghmula din il-kjarifika, l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-piena inflitta hija wahda eccessiva. Fl-ewwel lok, jigi ridabit bir-rispett illi ma kellhiex tinghata piena karcerarja, avolja hija piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

In oltre, sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena hija bir-rispett sproporzjonali tenut kont li ma hadd ma sofra l-ebda tip ta' griehi, kif ukoll illi anke jekk wiehed ikollu ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument jipprova jikkonstata t-tip ta' hsarat li saru fuq il-vettura minn fuq DOK AA1, wiehed jista' jikkonkludi sal-grad tal-probabli li l-hsarat kienu minimi u kwindi d-dinamika tal-incident ma kinitx xi wahda allarmanti li timmerita sospensjoni tal-licenzja tal-esponenti ghal zmien sena.

[4] Strettament minghajr pregudizzju dwar l-ewwel u t-tieni aggravju.

Fit-tieni lok, b' referenza ghall-ordni ta' hlas fi zmien xahar mid-data tad-decizzjoni, l-esponenti fl-ewwel lok, jaghmel referenza ghal argumenti tieghu supra fejn gie ritenut li l-istess DOK AA1 ghandha tigi dikjarata inammissibli minhabba li mhux konfermata bil-gurament. Kwindi ma jistax jinghad li ingabet sodisfacentament u skond il-ligi, il-prova tal-valur tal-hsara u allura ma setax jigi determinat il-valur. Apparti minn hekk, imkien ma jirrizulta mill-atti li saret xi talba ghall-hlas ta' danni.

Fl-ahhar lok, tenut kont il-fatt li kif digà inghad iktar il-fuq, iz-zewgt vetturi kienu regolarment assikurati, jekk wiehed ikollu ghall-grazza tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss jikkoncedi li r-responsabilità hija tal-esponenti, Anthea Abela ghandha tithallas mill-assikurazzjoni li ghandha l-obbligu kontrattwali u legali li taghmel dan il-hlas, u mhux mill-esponenti personalment. Altrimenti, jista' jkun hemm kaz ta' unjustified enrichment.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant issottometta li nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) waqt is-smiegh tal-kawza huwa fl-ebda hin ma kien assisti minn avukat di fiducja u lanqas minn avukat imqabbad mill-istat. Illi fil-verbal tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018)[5] jidher li hemm kontradizzjoni fl-istess verbal stante li l-ewwel hemm imnizzel li "*Deher l-imputat assistit minn Dr. Kathleen Grima*" u wara dana fl-istess verbal hemm imnizzel ukoll "*Il-kawza giet mghajta u posposta diversi drabi biex tigi l-avukata imma ma gietx, l-imputat stqarr li sar jaf bil-kawza il-bierah tlura*". Skont l-appepllant dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet ghandhom jikkonfermaw li l-Avukat indikata ma dehritx ghas-smigh tal-kawza u kwindi l-appellant baqa' mhux asistit.

In oltre', l-appellant issottometa li apparti n-nuqqas ta' assistenza legali, minn dan l-istess verbal ghandu jirrizulta wkoll li l-apellant talab li jkun assistit minn Avukat tant li gie indikat lil Qorti isem l-avukat tieghu u fl-ebda hin l-imputat ma rrinunzja ghad-dritt tal-assistenza legali. Jissottometti li l-Qorti kellha l-obbligu li tiprovdi ghad-difiza gusta tal-imputat u dan b'referenza ghall-obbligu li jemergi mill-Artikolu 519 tal-Kodici Kriminali.

[5] Il-verbal ghandu d-data tal-'24 ta' Jannar, 2017' izda jirrizulta li din kellha taqra l-24 ta' Jannar, 2018.

Saret ukoll referenza ghal Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta li rrenda ezegwibbli bhala parti mill-ligi ta' Malta l-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali fejn l-artikolu 6(1) jipprovdi ghal smiegh xieraq u imparzjali u l-artikolu 6(3)(c) jipprovdi b'mod specifiku li kull min ikun rinfaccjat b'akkuza kriminali huwa ntiitolat "*li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza leali maghzula minnu stess...*' Skont l-appellant dan in-nuqqas ikompli jiggrava meta wiehed iqis ukoll l-izviluppi li saru fil-gurisprudenza u anke fl-emendi legali rigward id-dritt tal-assistenza legali meta persuna tkun semplicement suspettata. *Multo magis* allura f'kaz fejn il-persuna tkun qed tirrinfacca proceduri kriminali b'riskju ta' sentenza ta' prigunerija effettiva, il-Qorti kellha tara li l-appellant jkun assistit minn Avukat sakemm l-istess imputat ma jiddikjarax esplicitament li jkun qed jirrinunzja ghall-assistenza legali.

Jissottometti ukoll li jifhem li fis-seduta precedenti ma kienx deher ghas-smigh tal-kawza izda dan ma jxejjinx id-dritt tal-imputat li jkun assisti minn Avukat waqt il-kawza u l-obbligu tal-Qorti li tipprovdi ghad-difiza gusta tal-imputat. Jekk il-Qorti riedet li jinstemghu l-provi kollha dakinhar, il-Qorti, fid-dawl tal-obbligu li kellha *ai termini* tal-artikoli citati fl-appell, kellha almenu jew tipposponi ghal ftit hin il-kawza u taghti zmien lill-imputat sabiex dakinhar stess isib avukat jew inkella tinnomina hi stess avukat anke di officio. In oltre jissottometti li din is-sitwazzjoni fil-konfront tieghu tkompli tikkomplika u taggrava ruhha specjalment fid-dawl tal-fatt li una volta l-appellant ma kienx gie notifikat bid-data tad-differiment minn qabel ghaliex kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu, liema mandat generalment jigi ezegwit biss lejliet is-seduta, lanqas ma kellu cans li jinforma bil-kawza lil Avukat tieghu. Kwindi ma setghax jigi kkastigat ghax ma kellux Avukat stante li ma kellux opportunita li jinforma lil Avukat tieghu minn qabel bid-data tal-kawza. Huwa jiddikjara li minhabba kien hemm mandat ta' arrest kuntrarjament ghal dak inmnizzel fil-verbal huwa gie notifikat bis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) filghaxija stess.

Fil-kontenut ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti tas-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghandha tigi

imhassra. Dwar dan, jirrizulta li l-appellant erronjament indika data zbaljata minflokk dik tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) izda fl-ahhar parti tal-appell iddedikata ghat-talba, l-appellant jaghmel referenza ghad-data korretta ta' meta nghatat is-sentenza appellata.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda li l-imputat ma kellux assistenza legali quddiem l-Ewwel Qorti. Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem l-Ewwel Qorti gie vverbalizzat is-segwenti:

'*Meta ssejjah il-kaz deher l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Roderick Spiteri.*
*Deher l-imputat assistit minn Dr. Kathleen Grima.*
*Dehret il-parte civile Anthea Abela assistita minn Dr. Daniel Buttigieg.*
*Il-kawza giet majjta u posposta diversi drabi biex tigi l-avukat ima ma gietx, l-imputat stqar li sar jaf bil-kawza il bierah tlura.*
*Xehdet bil-gurament Anthea Abela u iprezentat Dok AA1*
*L-Ufficjal Prosekutur ipprezenta riferta negativa ghal* '*Andrei Andy Linnas*'
*Hatti*
*Hallas 500 euros il Anthea Abela.*'

Filwaqt li fis-sentenza datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) tnizzel is-segwenti:

'*Semghet il-provi;*
*Issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontrih.*
*Rat l-art 1512)(a)(2) tal-kap 65, Art 75 L.S.65.11, Art 338(dd) tal-kap 9 u Art 328(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena bil-patt li fi zmien xahar millum l-imputat ihallas 500Euro f' danni lil Anthea Abela.*

*Filwaqt li tissospendielu il-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena b'effett min nofs il-lejl tallum.*'

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti Dr Daniel Buttigieg xehed u spjega li dak in-nhar tas-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) meta ssejhet il-kawza deher flimkien mal-parte civile. L-appellant deher inassistit u qal li l-Avukat tieghu hi Dr Kathleen Grima u l-kawza giet pospossta. Meta regghet issejhet il-kawza deher l-akkuzat mhux assistit u l-parte civile mhux assista. Jirrizulta li l-Qorti baqghet ghaddeja u inghatat sentenza. L-Ispettur Roderick Spiteri xehed quddiem din il-Qorti li ma jiftakarx x'sehh fis-seduta.

Ghalhekk minkejja li fil-verbal tas-seduta quddiem l-Ewwel Qorti gie vverbalizzat li kienet dehret Dr Kathleen Grima jirrizulta li l-Avukat difensur fl-ebda hin ma dehret u skont ma jissottometti l-appellant, huwa kien gie notifikat bis-seduta lejliet is-seduta u dan peress li kien notifikat b'mandat ta' arrest wara li ma kienx deher ghall-ewwel seduta. Irrizulta li la l-Avukat difensur u lanqas l-Avukat tal-parte civile ma kienu prezenti waqt is-smiegh.

Ghalhekk jirrizulta li l-appellant ma kienx assistit minn Avukat waqt is-smiegh u dan minkejja li jidher li gialadarba ssemma isem l-Avukat difensur fil-verbal tas-seduta, l-appellant kien indika li hija l-Avukat tieghu u li ghalhekk jikkonferma li xtaq ikun assistit. In oltre minn imkien ma jirrizulta li huwa kien irrinunzja ghal dan id-dritt.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 519 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Hu dmir tal-qrati ta' ġustizzja kriminali li jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati; u ma jkunx meħtieġ li jinħatru kuraturi għal imputati jew akkużati li ma jkunux tal-età''*

Relatat ma' dan, din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Clement Gauci Sergio Gauci Anthony Sammut'**[6]:

*'Il-fatti huma dawk li jidhru a fol 3 tal-proċess u li diġa' ġwew deskritti aktar 'il fuq. F'dan il-każ id-differenza mill- ewwel appell huwa li dawn l-appellanti kienu preżenti. Dawn m'għamlu ebda ammissjoni u talbu li jkunu assistiti mill-avukat tagħhom. Fil-ħin tas-sentenza, l-avukat tagħhom kien jinsab jaqdi d-dmiritijiet tiegħu quddiem Qorti oħra.*

*Effettivament l-appellanti kienu preżenti qabel il-ħin ma tibda s-seduta u, skont ir-rikors promotorju, huma insistew li jkollhom l-assitenza tal-avukat.*

*L-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza 'Il-Pulizija v Brian Fenech' tat-30 ta' Gunju 2004 li tagħmel cross- reference għal sentenza oħra 'Il-Pulizija vs Bernard Grech' tat-23 ta' Settembru, 1998. F'din it-tieni sentenza, l-Qorti kienet rreferiet għall-fatt li l-imputat kien qiegħed* ***impliċitament*** *jitlob assistenza legali. F'dan il-każ l- appellanti kienu* ***espliċitament*** *qed jitolbu li jkollhom l- assistenza legali.*

*Il-Qorti tifhem li l-Ewwel Onorabbli Qorti jkollha volum kbir ta' xogħol xi twettaq u mhux faċli li tleħħaq mal- pressjonijiet. Iżda din il-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi bilfors ikollha tannulla s–sentenza mogħtija fis-17 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija verus Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut' u f'dan l-istadju għalhekk il-Qorti qed tħassar u tirrevoka s-sentenza kollha kemm hi u mhux fil- konfront ta' Anthony Sammut kif għamlet aktar 'il fuq meta kienet qed teżamina r-rikors ta' Anthony Sammut.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Reuben Bonnici'**[7] gie kkunsidrat:

*'Fis-seduta tallum l-appellant xehed illi wara li l-ufficjal prosekutur iddikjara li ma kellux izjed provi, huwa gie mistoqsi jekk kellux xi haga xi jghid u qal li jitkellem l-avukat. Mill-verbal tal-11 ta' Novembru 2010 huwa evidenti illi l-appellant kien talab lill-Avukat Joseph Giglio biex jippatrocinah. L-ewwel Qorti fl-ebda hin ma pposponiet il-kawza sabiex l-appellant ifittex lill-avukat tieghu jew, alternattivament, qabbditlu avukat iehor.*

*M'hemmx dubbju li l-ewwel Qorti kienet preokkupata bil-fatt li baqa' ma deherx l-avukat ta' l-appellant. Mill-banda l-ohra ma jirrizultax li hija pposponiet il-kawza sabiex l-appellant ifittex lill-avukat tieghu jew, alternattivament, qabbditlu avukat iehor.*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Lulju, 2012 (Appell Kriminali Numru: 231/2011)
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar, 2011 (Appell Numru 502/2010 DS)

*L-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi:*

> ***"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."***

*Din il-Qorti diversi drabi esprimiet ruhha kif ghandu jigi tutelat dan id-dritt. Hekk fl-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Bernard Grech*** *deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Settembru 1998 (Vol. LXXXII.iv.353) intqal hekk:*

> ***"... l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor, jew f'kaz li ma jirnexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawza - li wara kollox hi wahda sommarja - dik il-gurnata stess, wara li naturalment, taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan, u minflok ghaddiet minnufih biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza, u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le, hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Michelina Apap'). Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' l-ewwel sentenza."***

*Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Brian Fenech*** *deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2004, u fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Aldo Spiteri*** *deciz ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 2004 f'liema zewg kazijiet kienu sahansitra xehdu l-imputati quddiem l-ewwel Qorti.*[8]

[8] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Victor Muscat**, 21 ta' Lulju 2005. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

*F'dan il-kaz, meta l-appellant qal li ried li jitkellem l-avukat, kien evidentement qiegħed jgħid li ried li jkun assistit mill-avukat tiegħu.*

*Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-Qrati tal-Magistrati li dejjem ikunu taħt pressjoni konsiderevoli ta' xogħol u jkunu jridu jwettqu l-programm ta' xogħol tagħhom fis-seduti tagħhom, u tapprezza wkoll li dawk il-Qrati ta' sikwit isibu l-pjanijiet u programmi tagħhom ta' xogħol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero`, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, ladarba kien evidenti li l-appellant odjern kellu l-avukat tiegħu, dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li kellha l-ewwel tipposponi l-kawża għal aktar tard sabiex l-appellant ikollu l-opportunita` jfittex jew jikkomunika ma' l-avukat tiegħu; jekk, meta terġa' tissejjaħ il-kawża, l-avukat ta' l-appellant jibqa' ma jidhirx, l-ewwel Qorti jew tordnalu li jsib avukat ieħor jew, jekk dan mhux possibbli, tappuntalu avukat ieħor hi stess u tagħti żmien xieraq lill-avukat hekk nominat sabiex ikellem lill-appellant u jiġi debitament istruwit minnu dwar il-kawża. Peress li ma sar xejn minn dan, din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tannulla s-sentenza appellata.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Johann Grech'**[9] gie kkunsidrat ukoll li:

*'Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-Qrati tal-Magistrati li dejjem ikunu taħt pressjoni konsiderevoli ta' xogħol u jkunu jridu jwettqu l-programm ta' xogħol tagħhom fis-seduti tagħhom, u tapprezza wkoll li dawk il-Qrati ta' sikwit isibu l-pjanijiet u programmi tagħhom ta' xogħol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero`, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, ladarba kien evidenti li l-appellant odjern kellu l-avukat tiegħu, dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li l-ewwel tipposponi l-kawża għal aktar tard sabiex l-appellant ikollu l-opportunita` jfittex jew jikkomunika ma' l-avukat tiegħu, jekk, meta terġa' tissejjaħ il-kawża, l-avukat ta' l-appellant jibqa' ma jidhirx, l-ewwel Qorti jew tordnalu li jsib avukat ieħor jew, jekk dan mhux possibbli, tappuntalu avukat ieħor hi stess u tagħti żmien xieraq lill-avukat hekk nominat sabiex ikellem lill-appellant u jiġi debitament istruwit minnu dwar il-kawża. Peress li ma sar xejn minn dan, din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tannulla s-sentenza appellata.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs. Aldo Spiteri'**[10] gie kkunsidrat li

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Awissu, 2005 (Appell Numru 133/05)
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju, 2004 (Appell Numru 130/04)

*'Fil-kaz odjern jidher implicitu li l-appellant kien informa l-Qorti li ried jigi assistit mill-Avukat Dr. Gatt li kull ma jmur kien qed jissejjah u ma jidhirx, tant li l-Ewwel Qorti ordnat li l-fatt li kien qed jissejjah jigi verbalizzat ripetutament.*
*Illi kif gja esprimiet ruha fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Brian Fenech**" fuq citata, din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mall-Qrati tal-Magistrati li ovvjament dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu bir-ragun iwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom w tapprezza ukoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati , xhieda jew avukati . Pero', fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ladarba kien jidher evidenti li l-appellant odjern kellu l-avukat tieghu, l-Ewwel Qorti wara li korrettement ipposponiet il-kawza ghall-aktar tard, meta regghet issejhet il-kawza w l-avukat tal-appellant baqa' ma deherx, kien imissha jew ordnatlu li jsib avukat iehor u, jekk dan ma kienx possibbli ghall-appellant, li tappuntalu hi stess avukat iehor . Peress li dan ma sarx, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata.'*

Ikkunsidrat;

Illi mill-verbal tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) jirrizulta kjarament li l-imputat ried li jkun assistit minn Dr Kathleen Grima, kien ghalhekk li l-kawza giet posposta. Jirrizulta li minkejja li l-Avukat tal-imputat baqghet ma dehritx, il-Qorti iddeciediet biex tkompli bis-smiegh tal-kawza minghajr ma gie assistit l-imputat. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien irrinunzja ghad-dritt tieghu li jkun assistit minn Avukat.

Illi kif tajjeb issottomettiet l-Avukat difensur fir-rikors tal-appell, l-izviluppi li saru fil-gurisprudenza u anke fl-emendi legali rigward id-dritt tal-assistenza legali meta persuna tkun semplicement suspettata, jiggrava dan in-nuqqas, meta wiehed jikkonsidra li l-appellant mhux biss kien suspettat izda akkuzat b'akkuzi kriminali quddiem Qorti. Id-dritt ta' akkuzat li jkun assistit minn Avukat huwa bazilari, tant li huwa sancit permezz tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta hija parti mill-Ligijiet ta' Malta. Dan id-dritt ghall-assistenza legali kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jinkludi:

*'li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal- ġustizzja jeħtieġu hekk;'*[11]

Id-dritt tal-assistenza tal-Avukat kompla jissahhah permezz tad-*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà'* fejn suspettati u akkuzati nghataw numru ta' drittijiet inkluz drittijiet rigwardanti l-access ghas-servizzi ta' Avukat. Il-hamsa u ghoxrin (25) preambolu ta' din id-Direttiva jiprovdi li:

*'L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li l-avukat tagħhom ikun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta huma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal- infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja, anke matul is-seduta tal-qorti. Tali parteċipazzjoni għandha tkun f'konformità ma kwalunkwe proċedura taħt liġi nazzjonali li tista' tirregola l-parteċipazzjoni ta' avukat matul l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal- liġi jew ġudizzjarja, inkluż matul is-seduta tal-qorti, dment li tali proċedura ma tippreġudikax l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt ikkonċernat. Matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja tal-persuna suspettata jew akkużata jew fis-seduta tal-qorti, l-avukat jista' fost l-oħrajn, f'konformità ma' tali proċeduri, isaqsi mistoqsijiet, jitlob kjari- fika u jagħmel stqarrijiet, li għandhom jiġu rreġistrati f'konformità mal-liġi nazzjonali.'*

It-trasposizzjoni tad-Direttiva li ikkristalizzat u sahhet numru ta' drittijiet mhux biss ghal akkuzati izda anke ghal suspettati minn stadju bikri tal-investigazzjoni fil-Ligijiet ta' Malta sehhet permezz tall-Att LI tal-2016, senjatament permezz tal-artikolu 355AT tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti filwaqt li tifhem l-volum gholi ta' kawzi li jkunu mhollija ghal seduta wahda u fejn f'xi waqtiet jirrizulta li kawza tigi differita minn data ghal data

[11] L-artikolu 6(3)(c) tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li gie rez ezegwibbli bhala parti mill-lifi ta' Malta permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta

minhabba l-assenza tal-Avukat jew ta' wahda mill-partijiet, temfasizza li d-dritt tal-akkuzat ghal assistenza legali ma ghandu qatt jigi pregudikat. Il-Qorti rinfaccata b'sitwazzjoni fejn l-appellant ma kienx deher fis-seduta precedenti tant li kienet anke ikkundannat il-hlas ta' multa, setghet jew tordna lill-appellant li jsib avukat iehor jew, jekk dan mhux possibbli, tappuntalu avukat iehor hi stess u taghti zmien xieraq lill-avukat hekk nominat sabiex ikellem lill-appellant u jigi istruwit mill-imputat dwar il-kawza. Peress li l-proceduri kienu irregolari, dan ma huwiex kaz ta' apprezzament tal-provi gia mismugha. Ghalhekk gialadarba l-vot tal-ligi ma giex sodisfatt, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li mhux biss tannulla s-sentenza appellata izda wkoll il-proceduri sabiex tpoggi lil imputat fl-istess posizzjoni li kien qabel is-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex il-kaz jerggha jinstemgha mill-gdid.

Ikkunsidrat;

In oltre, din il-Qorti sejra ex officio tqajjem punt iehor li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza. Filfatt fil-parti dispositiva tas-sentenza, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghal '*Art 1512)(a)(2) tal-Kap 65*', liema artikolu ma jezistix, izda jezisti kemm l-artikolu 15(1) bis-subartikoli (a) u (b), (1A), (2), (3), (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jirrizulta li anke fil-parti dispositiva tas-sentenza, ma giex irrispettat il-vot tal-ligi stante li jirrizulta zball fl-indikazzjoni tal-artikolu, liema zball jrendi s-sentenza appellata bhala nulla stante li jmur kontra l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[12] :

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha*

12 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)

*fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[13] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tannulla s-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti u tirrinvija l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tpoggi lill-appellant fl-istess posizzjoni li kien qabel is-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-kawza terga tinstema mill-gdid skont il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

13 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005